**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 198/2016 AGV**

**AB (ID nru: 335553 M)**
**Vs**
**CB (ID nru: 153859 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta'AB datat 5 ta' Settembru 2016, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet zzewgu f'Ta' Xbiex nhar id-dsatax ta' Lulju tas-sena elf disgha mija u tmenin (19.07.1980) u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg mmarkat bhala Dok "A";

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal li pero’ illum ilkoll huma maggorenni u li ghalqu t-tlieta u ghoxrin sena;

3. Illi l-konvenuta CB rrendiet ruhha hatja fil-konfront ta’ l-attur zewgha u ta’ uliedhom ta’ eccessi, minacci, sevizzi u ingurji gravi b’mod li rrendiet impossibili l-hajja konjugali bejniethom in vista anke izda mhux biss tal-vizzju tal-loghob tal-azzard li kellha l-istess konvenuta ghal snin twal;

4. Illi inoltre l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija impossibili minhabba inkompatibilita` ta’ karattru bejn il-kontendenti;

5. Illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* skond digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti, liema digriet igib in-numru 714/16AL, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok “B”;

6. Illi ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors guramentat sabiex tintalab is-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-partijiet minhabba eccessi, minacci, sevizzi u injurji gravi li l-imsemmija CB kkommettiet kontra zewgha u/jew uliedhom u/jew minhabba inkompatibilita` ta’ karattru bejn il-kontendenti u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili (Kap 16);

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u kull propjeta' ohra komuni bejn il-partijiet akkwistata waqt iz-zwieg u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament indaqs komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dissipazzjoni tal-assi tal-komunjoni ikkagunat mill-vizzju tal-loghob tal-azzard da parti tal-konvenuta, kif ukoll tenut kont tal-krediti parafernali tal-attur kontra l-komunjoni tal-akkwisti u tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti hekk divizi u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenuta ghandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, bin-nomina okkorrendo ta' periti biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma;

4. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta;

5. Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni parafernali, inkluz il-krediti parafernali, tieghu fi zmien qasir u perentorju lilha prefiss u fin-nuqqas tikkundannaha thallas lill-esponenti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorendo b'opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali imsemmija;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta sa minn issa ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta Guramentata ta' CB (ID: 153859M) datata 4 ta' Ottubru 2016 fejn tiddikjara u bil-gurament taghha tikkonferma:**

1. Illi hemm qbil illi l-partijiet izzewwgu fid-dsatax ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u tmenin (19.07.1980), kif ukoll illi l-partijiet ghandhom tlett itfal illum ilkoll maggorenni.

2. Illi l-esponenti taqbel illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda topponi l-ewwel talba limitatment ghal-htija u dan peress illi ma huwiex minnu li z-zwieg tfarrak ghar-ragunijiet imputabbli lilha; Illi huwa r-rikorrent li huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan peress illi huwa rrenda ruhu hati ta' adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi fil-konfront tal-esponent, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;

3. Illi l-esponent qed topponi ghat-tieni talba u dan peress illi, ghal dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet previsti mill-artikolu 48 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, la qed jigi allegat u wisq anqas huwa minnu illi hija hatja tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghal dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet previsti mill-artikolu 55 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex minnu illi hija hatja ta' eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi, la fil-konfront ta' zewgha u wisq anqas fil-konfront ta' ulied il-partijiet, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

4. Illi l-esponenti taqbel illi l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi likwidata izda ma taqbilx illi hemm krediti parafernali x'jithallsu jew li hija ghandha tinstab hatja tal-firda u ghalhekk topponi ghat-tielet talba limitatament ghal dik il-parti fejn qed jintalab illi hija ghandha tigi assenjata kwota li b'xi mod hija inferjuri minn dik tal-attur u jekk xejn tiddikjara illi huwa l-attur

illi ghandu jinstab hati tal-firda u jbati l-konsegwenzi tal-istess u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

5. Illi hija topponi ghall-hames talba attrici u dan peress illi ma jezistux krediti parafernali x’jithallsu jew beni parafernali biex jigu ritornati.

Bl-ispejjez kontra l-attur,

**GIET PPREZENTATA UKOLL KONTRO-TALBA TAL-INTIMATA RIKONVENZJONATA FIL-KONFRONT TAR-RIKORRENTI RIKONVENZJONAT;**

**Rikors Guramentat ta’ CB (ID: 153859M ), li tiddikjara u bil-gurament taghha tikkonferma:**

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-dsatax ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u tmenin (19.07.1980), u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett (3) itfal illum ilkoll maggorenni.

2. Illi z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak b’mod irrimedjabbli ghal ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenzjonat li huwa responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg u dan peress illi rrenda ruhu hati ta’ adulterju fil-konfront tal-attrici; kien assenti miz-zwieg u rrenda ruhu hati ta’ sevizzi, eccessi, minaccji u ingurji gravi, kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

3. Illi l-esponenti ilha ghal snin twal tbati minn kundizzjoni medika serja, liema marda marret ghall-aghar, biex wiehed ma jghidx giet ikkagunata, minhabba fl-attitudni ta’ zewgha li mhux biss ma ghenx izda ggrava s-sitwazzjoni li nstabet fiha l-esponenti. Illi din il-kundizzjoni, li illum sa certu punt qed tigi kkontrollata. Fissret u tfisser li huwa difficli ferm ghall-

esponenti illi hija tmanti lilha nnifisha u dan minkejja l-isforzi kbar illi hija taghmel, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Fid-dawl ta' dak kollu ddikjarat, l-intimata rikonvenzjonata umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet gravi u imputabbli lir-rikorrent rikonvenzjonat fosthom peress illi huwa rrenda ruhu hati ta' adulterju fil-konfront tal-esponenti; kien assenti miz-zwieg u rrenda ruhu hati ta' sevizzi, eccessi, minaccji u ingurji gravi;

2. Tikkundanna lir-rikorrent rikonvenzjonat jhallas manteniment ghaliha skond il-mezzi tal-attur rikonvenzjonat u tordna li l-manteniment hekk likwidat jinqata' direttament mill-paga/pensjoni tieghu;

3. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwida l-assi jew djun ezistenti fl-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja sehem lil kull wiehed mill-partijiet u dan wara li jkunu gew applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 51 ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-attur rikonvenzjonat, u wara illi li kull kreditu parafernali jkun gie ritornat lill-esponenti, bin-nomina, okkorendo, ta' periti nominat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jaghmlu l-imsemmija likwidazzjoni.

5. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat jikkonsenja lill-intimata rikonvenzjonata l-krediti/beni parafernali taghha.

Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

**<u>FATTI</u>**

1. Il-partijiet ilhom mizzewwgin sitta u tlettin sena u kellhom tlett itfal, ilkoll maggorenni. Ilhom ma jghixu flimkien mit-13 ta' Settembru, 2014, minkejja li l-problemi kienu bdew fis-26 ta' Mejju, 2010 minhabba l-vizzju tal-loghob tal-konvenuta.

2. L-attur kien jahdem bhala accountant mal-Corinthia Group u kien stazzjonat il-Libja u wara li zzewwgu, il-konvenuta kienet marret tghix mieghu hemmhekk ghal erba' snin. Waqt li kienu l-Libja, il-konvenuta riedet tahdem u kien sabilha impjieg fil-hanut tad-duty free tat-Tripoli International Airport. Kien idum jahdem hinijiet twal u l-konvenuta qatt ma kienet tgerger li kien assenti. Fl-1984, fuq talba tieghu kienu gew lura Malta u gie trasferit fil-Head Office. Minkejja l-impenji lavorattivi kien dejjem jaghmel hiltu biex ikun mal-familja, anke ghall-attivitajiet importanti.

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

1.L-attur jiddeskrivi l-konvenuta bhala persuna li kellha temperament eccessiv. Kien hemm drabi fejn kienet thebb ghalih b'sikkina jew tgaralu xi oggett. Il-burdati kienet ivarjaw u jinbidlu minn estrem ghall-iehor f'hin qasir hafna. Kienet tiggieled anke mat-tfal, partikolarment mat-tifla Janine peress li din kienet tiehu hsieb is-sales tan-negozju li kien fetah, flimkien

mal-konvenuta. Il-glied l-iktar kien jinqala' mat-tifla fuq flus. Kienet theddidha u anke tkun vjolenti maghha.

Ma' shabha l-konvenuta kienet tkun ferm differenti sabiex tghatti t-temperament veru taghha,

Skond l-attur il-konvenuta kienet ukoll takkuzah ta' infedelta'. Kienet iffissat li kellu relazzjoni ma' DE, li kienet tahdem mieghu l-Libja u kienet tipprova twaqqghu ghac-cajt quddiem il-kollegi tieghu. Kienet tiffantasizza hafna u tohloq stejjer invertieri ghall-attur. Dwar FG, ighid li din kienet habiba tieghu u kien hareg jiekol maghha, izda dan kien f'zmien meta kienu diga' sseparati de facto. L-attur jichad li qatt kellu relazzjonijiet ma' nisa  ohra. Lanqas ma' certu HI, li kienet tahdem mieghu ukoll u l-konvenuta kienet akkuzata li ghandha relazzjoni mieghu.

Il-konjugi B kellhom negozju u dan kien jitmexxa mill-konvenuta. Kienu fethu diversi kumpanji, precisament PWA Co.Ltd. fl-2007 u aktar tard LJA Co. Ltd  fl-2012, fejn l-attur u martu kienu diretturi tal-istess kumpaniji. Sallum minhabba li l-konvenuta ma rsistitx, dawn is-socjetajiet ghadhom mhux likwidati. Ghall-bidu l-konvenuta kienet kuntenta bl-izviluppi li saru fin-negozju taghhom u  kienu mixjin tajjeb, sakemm minhabba l-atteggjament tal-konvenuta, in-negozju kien beda sejjer hazin, Jattribwixxi dan ghall-fatt li l-konvenuta kellha l-vizzju tal-loghob u kienet ammettiet mieghu li kienet laghbet flus tal-kumpanija PWA Co.Ltd. il-casino u kienet spiccat tilfithom. Dawn kienu jammontaw ghal €27,630 bejn Jannar u Mejju 2010.[1] Kien jaf li kienet tmur il-casino, ghax kien iltaqa' maghha hemm. Gieli kienet tilghab ukoll fil-hwienet iz-zghar vicin il-hwienet

[1] Ara Dok. WM29 – WM33 a fol. 64-68 tal-process.

taghhom. Diversi flejjes ingibdu mill-ATM vicin id-Dragonara Casino u kienet anke gibdet flus mill-mastercard tieghu.[2]

Binthom J kienet taf b'dan il-vizzju u kienet twissi lill-attur sabiex ma jafdax flus f' idha. Lanqas ma kienu jafu jekk kinitx qed tissellef flus minn fuq l-idejn u forsi anke bl-uzura. L-istess konvenuta kienet tametti u kienet konxja li kellha dan il-vizzju.[3]

F'Gunju, 2013 kienu ddecidew li jghalqu l-hwienet li kellhom peress li l-bejgh ma kienx tajjeb. Kienu zammew warehouse sale biex jehilsu mill-istock u anke jekk kien jaf li kienu qed jinbieghu l-affarijiet, izda ma kienx sab flus depositati fl-ebda kont bankarju tal-kumpanija, Peress li l-istock kien f'idejn il-konvenuta u peress li ma kinitx ghamlet l-istock taking il-konvenuta setghet thawwad kemm trid. L-attur huwa konvint li kien hemm stock li kien jammonta ghal €100,000, izda ma kienx jaf kemm kienet bieghhet. Kien hemm hwejjeg li kienu jammontaw ghal cirka €55,000 gewwa l-istore f' Carmel Street, Balluta u gewwa l-istore tal-Imqabba kien hemm xi 800 libsa. Minhabba l-glied li kien jinqala' minhabba l-flus mill-warehouse sale, kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenuta kienet hebbet ghall-attur b'sikkina.

**Mard Mentali**

Il-konvenuta minn dejjem tbati bid-depression u dan skond Dr. George Debono, il-psikjatra taghha. Kienet anke marret l-Inghilterra biex tipprova tikkura ruhha, imbaghad fl-2013, il-habiba taghha k sive LM, laqghetha ma' Dr. Anton Grech li mid-djanjozi rrizulta li l-konvenuta kienet bi-polar.

[2] Ara Dok. WM 37- WM39 a fol. 73-75 tal-process.
[3] Ara Doks. WM49 – WM 51 a fol.85-87 tal-process.

Ighid li spiss il-konvenuta kienet tibghat lilu jew lil uliedhom messaggi li riedet tmut u li kienet ser tiehu hajjitha b'idejha.

2. Maria Montebello, in rapprezentanza ta' Casino Malta Intercontinental xehdet li l-konvenuta ma kinitx klijenta taghhom u minn mindu fethu f' Dicembru, 2015 qatt ma kienet marret.

3. Jesmond Galea, in rapprezentanza ta' Tumas Gaming Limited xehed li huma joperaw l-Oracle Casino u Portomaso Casino. Jikkonferma li l-konvenuta qatt m'attendiet l-Oracle Casino, izda kienet attendiet dak ta' Portomaso, fejn kellha tmenin vizta bejn is-7 ta' Awissu, 2009 u 28 ta' Mejju, 2017.[4] Kien hemm drabi fejn hija giet self-excluded, jigifieri tiffirma biex ma tithalliex tidhol il-casino.[5] Ipprezenta ukoll il-loghob kollu li ghamlet, ir-rebhiet u t-telf[6], kif ukoll is-self-barring dates ta' credit cards li qatt ma uzat.[7] Is-self-barring jahdem fuq talba tal-konvenuta u tkun tapplika ghall-casinos kollha. Il-konvenuta kellha 24 membership maghhom.

4. Dr. George Debono huwa l-psikjatra tal-konvenuta. Kien raha l-ewwel darba meta t-tfal kienu ghadhom zghar u dan minhabba kien ikollha panic attacks meta ssiefer. Kien tah il-medikament ta' anti-phobic u kalmanti u ma kienx raha izjed ghal xi sitt snin. Meta regghet bdiet tmur ghandu kien minhabba li kienet qed tbati minn *chronic anxiety with depressive episodes*. Meta kien jippreskrivilha l-anti-depressants malajr kienet tkun ahjar. Ma kienx jaghtiha appuntamenti, izda kien ihalliha tmur ghandu kull meta jkollu bzonn. Generalment kienet tmur ghandu minhabba ansjeta'. Kien hemm drabi fejn ma kinitx tiehu l-medicini. Jikkonferma li meta

[4] Ara Dok. TG1 a fol. 171 tal-process.
[5] Ara Dok. TG2 a fol. 174 tal-process.
[6] Ara Dok. TG 3 a fol. 175 tal-process.
[7] Ara Dok. TG 4 a fol 178 tal-process.

bdew il-problemi fiz-zwieg, aktar kien ikollha ansjeta' ghax bhala persuna sensittiva hafna.

Il-konvenuta kienet ammettiet mieghu li kienet qabbdet il-vizzju tal-loghob fil-casinos ghax kienet thossha rrilassatha hemmhekk. Ix-xhud ihoss li l-konvenuta kienet tahdem hafna u kellha bzonn tnaqqas ftit. Kien avzaha biex toqghod attentat u xi snin wara kienet marret tghidlu li kienet tilfet hafna flus, ghax kienet saret *gambler*. Imbaghad kienet marret tghidlu li kienet iffirmat biex ma tattendix izjed.

L-ahhar li kien raha lill-konvenuta kien xi tlett snin ilu. Kienet ikkomunikat mieghu wahda mit-tfal u qaltlu li l-konvenuta ma kinitx qiedgha sew, izda ma kinitx marret tarah.

6. Dr. Anton Grech kien rah lill-konvenuta fl-2013 u mid-djanjozi li ghamillha kien irrizultalu li kienet qed tbati minn *bipolar depression*. Irrizultalu ukoll li kien hemm problema tal-loghob u minhabba l-*bipolar disorder*, ikun hemm mumenti fejn is-self-control jonqos u ghalhekk kienet isibha difficli biex tikkontrolla lilha nnifisha u tieqaf. Din hija kundizzjoni li titwieled biha. F'mument kienet anke hadet overdose u kienet spiccat l-Isptar. Ghan-nies ta' madwarha mhux facli u bhalissa ghandha hafna stress li mhux tajjeb ghaliha.

7. KM, habiba u gara tal-konvenuta u ilha tafha ghal dawn l-ahhar tlettin sena. Kienet haditha ghand Dr. Anton Grech li kien ikkonferma li kienet borderline bi-polar. Tghid ukoll li qabel, il-konvenuta kienet tmur ghand psikjatra iehor. Ghal bidu ma kinitx taf li l-konvenuta kellha l-vizzju tal-loghob u kienet sellfitha €12,000 u mbaghad €300, izda l-konvenuta dejjem hallsitha lura. Tafha bhala mara bil-ghaqal, li kienet tiggestixxi zewg

hwienet tal-hwejjeg u kienet anke tiehu hsieb it-tfal. Illum taf li finanzjarjament il-konvenuta batuta.

8. NO, habiba tal-partijiet ikkonfermat li l-konvenuta kellha problema, minkejja li qabel kienet tidher bhala persuna kapacissima u omm u mara ezemplari. Pero' kienet tidher *depressed* u li jkollha *mood swings*. Tghid ukoll li kienu jiffrekwentaw lil xulxin bhala koppji, izda meta l-partijiet kienu jmorru l-Casino ma kinux imorru maghhom, ghax tal-anqas darba fil-gimgha kienu jmorru. Illum taf li l-konvenuta tinstab bla xoghol.

9. Jennifer Cortis Naudi, social worker f' Monte Karmeli u tahdem ma' Dr. Anton Grech spjegat li kienet taf lill-konvenuta peress li kienet klijenta ta' Dr.Anton Grech. Involviet ruhha meta f'Mejju, 2018 il-konvenuta kien qed ikollha problemi finanzjarji relatati ma' housing u kirjiet. Is-sid tal-kera kien kecciha peress li ma kinitx hallset il-kera u spiccat *homeless*. M'ghandha ebda dhul u lanqas hija eligibbli ghall-beneficcji tal-Gvern minhabba kumpanija li ghandhom.

Tispjega li bhala pazjenta bipolar hija ntitolata ghal zewg beneficcji - ska sickness assistance u Sa social assistance on medical grounds. Meta tkellmet ghan-nom taghha mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, infurmawha li kien hemm problema minhabba li l-kumpanija ma kinitx ghadha likwidata u kien hemm xi djun u penali u hemm ukoll kawza.

Illum il-konvenuta tinstab Mount Carmel peress li hija *homeless*. Dan ukoll halla hafna stress fuqha, pero' llum tinstab stabbli.

10. Maryanne Mizzi, in rapprezentanza ta' Dragonara Gaming Limited tikkonferma li l-konvenuta kienet tattendi l-casino u kkonfermat kemm il-darba attendiet bejn id-9 ta' Awissu, 2013 u d-29 ta' Settembru. 2016[8],

[8] Ara Dok. DG 1/DG2 a fol.190 tal-process.

kemm il-darba bbarjat ruhha mill-4 ta' Lulju, 2010 sad-29 ta' Mejju, 2017[9], kif ukoll il-loghob li laghbet, ir-rebhiet u l-hin li ghamlet fuq il-magni. Is-self-barring ma kienx mid-Dragonara Casino biss.

11.Sergio Cappitta, in rapprezentanza ta' Gaming Operations Limited u llum joperaw taht il-brandname Easybet ikkonferma li l-konvenuta kienet tattendi zewg hwienet partikolari bejn il-11 ta' Gunju, 2012 u l-20 ta' Settembru, 2013. Kienet tilfet €918. Kien hemm ukoll self-baring request bejn id-29 ta' Mejju, 2017 u t-30 ta' Novembru, 2017. [10]

**MANTENIMENT**

1.L-attur ighid li llum huwa pensjonat u l-introjtu tieghu huwa ta' €754.44 fix-xahar[11] u l-konvenuta kienet izghar minnu u kapaci tahdem. Fil-fatt kienet iggib studenti barranin u dan mis-sena 2014, meta ttrasferilha l-licenzja fuqha. Kien anke hallas €900 fix-xahar ghal xahrejn kera tal-appartament bl-indirizz Mattei Court, No.7, Triq is-Sidra, Swieqi.

L-attur jirrifjuta li jghaddilha manteniment u jghid li fis-sena 2014, il-konvenuta kellha introjtu ta' €23,837 u dan kif redatt mid-Dipartiment tat-Taxxa stess.[12][13]

2. Dr. Michael Camilleri, in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority spjega li l-konvenuta ghandha licenzja li kienet imhallsa sal-ahhar tas-sena 2017 (meta kien qed jixhed) biex iggib bejn 3 u 4 studenti.[14] L-attur kellu licenzja u din kienet giet sospiza fl-ahhar tas-sena 2014.[15]

---

[9] Ara Dok. DG 3 a fol. 191 tal-process.
[10] Ara Doks. GO1 u Go2 a fol.  tal-process.
[11] Ara Dok. WM53 a fol.
[12] Ara Dok. Wm55 a fol
[13]
[14] |Ara Dok. MC 1 a fol. tal-process.
[15] Ara Dok.MC2 a fol.  tal-process.

3. Marcelle Bugeja Bons, in rapprezentanza ta' EF Language School tikkonferma li l-konvenuta kienet "host" tal-istudenti taghhom u kienet taghmel xogholha sew, tant li xi kultant kienet tohrog barra minn triqitha. Ipprezentat ir-rendikont tas-sena 2016.[16]

4. Sean Meli, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-attur jircievi bonus tas-sitt xhur, bonus tal-gholi tal-hajja, bonus addizzjonali u l-pensjoni taz-zewg terzi.[17] Il-konvenuta ma tircievi xejn.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

L-attur jikkonferma li llum m'hemmx proprjeta' fil-komunjoni peress li kienu qassmu kollox. Lanqas oggetti mobbli ghax dawn kienu nqassmu ukoll.

1.L-attur kien biegh proprjeta' parafernali Demont, Triq l-Ghamad, Swieqi ghas-somma ta' Lm10,000 b'kuntratt fit-18 ta' Dicembru, 1987[18] u r-rikavat kien investih fid-dar matrimonjali, li kienet il-fond 48, l-Aronkli, Triq Michelangelo Cagiano, The Village, St. Julians. Dan il-fond imbaghad bieghuh ghall-prezz ta' €550,000, li minnhom thallsu l-loans tal-bank, kif ukoll il-loans tal-overdraft. Il-bilanc li kien fadal kien ta' €276, 660.84, liema somma nqassmet bejniethom.[19]

2. Kien hemm life policy li harget il-konvenuta fuq somma ta' €62,000, fejn kien isir hlas ta' €79 fix-xahar.[20] Meta llikwidat din il-polza ma kinitx

[16] Ara Dok.EF a fol.195 tal-process.
[17] Ara DOk. SM1 a fol. tal-process.
[18] Ara Dok. WM57 a fol.
[19] Ara Dok. WM59-WM64 a fol.
[20] Ara Dok. WM69-WM70 a fol.

qassmet il-flus li hadet minn dina l-likwidazzjoni, kif kien ghamel hu meta llikwidaw il-life insurance policy.

3. L-attur kien wiret is-somma ta' €8,475,71 minghand ommu fl-2007[21]. Il-konvenuta kienet ukoll investiet xi flus fis-somma ta' Lm13,500[22] u possibilment setghet serqet mill-flus li wiret.

4. Hemm kumpanija PWA Co. Ltd. fejn il-partijiet huma azzjonisti u diretturi ukoll. Hemm kumpanija ohra LJA Co. Ltd. fejn l-azzjonisti huma t-tfal, filwaqt li l-partijiet huwa diretturi. Ighid li s-share capitals huma fully paid up. Minn dawn iz-zewg kumpaniji kienu joperaw in-negozju tal-hwejjeg li kien sejjer tajjeb sakemm il-konvenuta ma rrovinatx kollox. Illum is-socjeta' PWA hija dormant u baqqghet topera LJA Co.Ltd. Madwar hames snin ilu dawn il-kumpaniji waqqfu jahdmu. Ighid li lanqas hemm dejn ma' tat-taxxa jew ma' tal-Vat. Dwar id-dejn tal-kumpaniji, l-attur hass li ma kellux jixhed peress li ma kellhomx jaqsmu ma' din il-kawza.

**<u>KONTIJIET BANKARJI</u>**

4. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li mir-ricerka li kienet ghamlet irrizultaw is-segwenti kontijiet f'isem l-attur:-

i) Savings Account Sterling llum maghluq[23]

ii) Term Deposit Account illum maghluq[24]

iii) Savings Account maghluq ukoll[25]

---

[21] Ara Dok. WM71-WM72 a fol.
[22] Dok. WM73 a fol.
[23] Ara Dok. JB1 a fol. tal-process.

[24] Ara Dok. JB 2 a fol. tal-process.

[25] Ara Dok. JB3 a fol. tal-process.

L-attur ghandu ukoll Master card[26] u Visa Classic[27], li llum hija mwaqqfa. Kellu ukoll Gold Card u din kienet twaqqfet fl-10 ta' Jannar, 2017 u harget ir-replacement taghha li ghadha valida.[28]

F'isem il-konvenuta rrizultaw zewg kontijiet:-

i) Current Account illum maghluq[29];

ii) Credit card loan peress li ma sarux transazzjonijiet ma kinux jezistu statements;

Il-konvenuta kellha ukoll credit cards, visa classic, peress li jista' jaghti l-kaz li l-card tkun waqfet minhabba xi raguni jew ghax intilfet jew insterqet, il-card number jinbidel, pero' huwa dejjem l-istess credit card.[30] Kien hemm ukoll Master Card u Gold Card li nhargu fl-2010 u dawn huma supplementary cards u ma hemmx statements taghhom.

Imbaghad hemm *joint current account*[31] li huwa maghluq ukoll u kien hemm ukoll *savings account joint* li ghandu bilanc "zero" u ghal darb'ohra peress li ma sarux transazzjonijiet ma kienx hemm statements.

Dwar il-bejgh tal-fond 48, l-Aronklu, Triq Mikelangelo Cagiano, San Giljan, ix-xhud tikkonferma li l-hlasijiet li kienu saru permezz ta' cekkijiet kienu cekk ta' €138,330.41 favur A U BC (cekk numru 77671), li gie ddepositat fil-kont tal-mara, filwaqt li cekk bl-ammont ta' €138,330.32, cekk numru 77672 gie ddepositat fil-kont tar-ragel. [32]

---

[26] Ara Dok. JB11 a fol. tal-process.
[27] Ara Dok. JB12 a fol. tal-process.
[28] Ara Dok. JB 13 a fol. tal-process.
[29] Ara Dok.JB
[30] Ara Doks. JB6 -JB10 a fol. tal-process.

[31] Ara Dok. JB5 a fol. tal-process.
[32] Ara Doks. BOV X, BOVX1 u BOVX2 a fol.240 u 241 u 242 tal-process.

5. Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet f'isem il-konvenut :-

i) Kont numru 039010103001 li llum huwa maghluq;[33]
ii) Kont numru 039010103050 li llum huwa maghluq;[34]
iii) Kont numru 039010103100 li llum huwa maghluq;[35]
iv) Kont numru 039010103451 li llum huwa maghluq;[36]
v) Investiment bin-numru 110AE0086980501 li llum huwa maghluq;[37]
vi) Loan Account bin-numru 30064276 li huwa maghluq;[38]
vii) Visa Classic Card bin-numru 4568823157188914 li huwa maghluq;[39]
viii) Visa Gold card bin-numru 4035710000404298 li huwa maghluq;[40]

Rigward dawn l-ahhar zewg Visa cards kien hemm supplementary cards li kienu f'isem il-konvenuta.

F' isem il-konvenuta kien hemm is-segwenti kontijiet:-

i) Kont numru 006013627050 li llum huwa maghluq;[41]
ii) Visa Classic Card bin-numru 4568821144012361 li llum huwa maghluq;[42]
iii) Visa Gold Account bin-numru 4035710000642855.[43]

---

[33] Ara Dok. AMB 1 a fol. tal-process.
[34] Ara Dok. AMB 2 a fol. tal-process.
[35] Ara Dok. AMB 3 a fol. tal- process.
[36] Ara Dok. AMB 4 a fol. tal-process.
[37] Ara Dok. AMB 5a fol. tal-process.
[38] Ara Dok. AMB 6 a fol. tal-process.
[39] Ara Dok. AMB 7 a fol. tal-process.
[40] Ara Doks. AMB 8 a fol. tal-process.
[41] Ara Dok. AMB 9 a fol. tal-process.
[42] Ara Dok. AMB 10 a fol. tal-process.
[43] Ara Dok. AMB 11 a fol. tal-process.

F'isem iz-zewg partijiet instabu s-segwenti kontijiet:-

i) Loan account numru 039055553340 llum maghluq peress li l-loan kien thallas;[44]

ii) Fixed Deposit Account numru 03905553100 llum maghluq;[45]

iii) Kont bin-numru 039055553050 li huwa maghluq;[46]

iv) Kont bin-numru 039055553001 li huwa maghluq.[47]

v) Loan Account bin-numru 18023661, liema loan kien thallas u ghalhekk huwa maghluq.[48]

**POLOZ TA' ASSIKURAZZJONI**

1.Aronne Attard, senior claims officer mal-HSBC Life Assurance Malta Limited xehed fuq hames poloz li kien hemm f'isem il-konvenuta. Dwar polza numru 100015633 ighid li dina hija *joint*, liema polza giet msarrfa f'Dicembru, 2012 u hargu zewg cekkijiet ghal kull parti rispettivament.[49]

Kien hemm polza ohra fuq il-konvenuta li ssarfet fit-22 ta' Frar, 2008 u l-ammont kien ta' €4747.13. Dwar il-poloz l-ohra jghid li m'ghadhomx tajbin peress li kienu poloz ta' protezzjoni (Doks. HL3- HL6).

Dwar il-polza numru 100010222 li kienet mal-HSBC Life Assurance, fl-ammont ta' €4747.13 kienet giet trasferita fil-kont savings f' isem CB kont numru 006013627050 fit-22 ta' Frar, 2008.[50]

[44] Ara Dok. AMB 12 a fol. tal-process.
[45] Ara Dok. AMB 13 a fol. tal-process.
[46] Ara Dok. AMB 14 a fol. tal-process.
[47] Ara Dok. AMB 15 a fol. tal-process.
[48] Ara Dok. AMB 16 a fol. tal-process.
[49] Ara Dok.HL1 u HL2 a fol.216/217 tal-process
[50] Ara Dok. HSBC (x) a fol. 239 tal-process.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Primarjament, ghandu jigi rilevat illi l-attur iddikjara li llum l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti u dan ma giex ikkontestat mill-konvenut, li sahanistra lanqas biss resqet il-provi taghha f'dan il-kaz. Ghalhekk, dina l-Qorti ser tillimita d-decizjoni taghha fuq ir-responsabbilita biss, kif mitluba mill-attur fit-talbiet fir-rikors odjern.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat

illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune.***"

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi.***" Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz.***"

Dwar it-theddid u vjolenza "***il-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certu mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima.***"

In tema legali fir-rigward ta' separazzjoni personali gie ritenut illi:-

***"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar wahda, li inevitabilment twassal ghal firda personali, anke ghaliex, kif inghad, "huwa ferm difficli li tigi superata minn min ikun halla lilu nnifsu jintrikeb."***[51]

Dejjem fuq it-tema tal-vjolenza domestika gie ddikjarat mill-Qorti tal-Appell illi:-

***"Din il-Qorti filwaqt li tqis kull xorta ta' vjolenza, fizika jew morali, hi element li jitfa' piz kbir ta' responsabbilita' fuq min ikun jigi provat li kien hati li kkommetih, tifhem li l-grad ta' vjolenza seta' mbaghad ikun fattur determinant biex ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg tigi esklussivament addebitata lil dik il-parti. U meta l-vjolenza u l-aggressjoni tkun tidher mill-atti illi tkun saret mod ta' hajja tant li tkun riflessa fil-karattru tal-persuna, ftit jibqghu difizi li jistghu jingiebu b'gustifikazzjoni ghal tali agir."***[52]

Il-kontendenti kienu koppja normali li hadmu id f'id, bnew familja u anke rnexxielhom jibnu negozju tal-hwejjeg, li beda bhala negozju tajjeb. L-attur jattribwixxi l-problemi fiz-zwieg ghall-istat mentali tal-konvenuta, li minn dejjem kienet tbati minn depressjoni u kienet tikkura ruhha b' kalmanti. Diversi psikjatri xehdu f'dina l-kawza. Dr. George Debono, kien l-ewwel psikjatra li kien isegwi l-kura tal-konvenuta. Kienet tinvistah peress li kien ikollha hafna ansjeta' u *panic attacks* li maz-zmien aggravaw. Jekk pero' kienet tiehu l-kalmanti kienet tigi tajba.

[51] Joanne Tabone pro.et.noe. vs Jesmond Tabone Prim'Awla 03.10.2003
[52] Doris Mizzi vs Mario Mizzi – Appell – 19.05.2000

Dr. Anton Grech kien ghamel djanozi u rrizultalu li l-konvenuta kienet tbati minn *bipolar disorder*, li kien iwassal biex f'mumenti tkun depressa u ansjuza u f'mumenti kienet tkun energetika hafna.

Tul iz-zwieg, il-konvenuta kienet vjolenti u aggressiva, gieli thedded lill-attur b'xi sikkina u anke lit-tfal. Madankollu, l-attur ma pprofondiex fuq l-aspetti vjolenti tal-konvenuta u assumendo b'dak li spjegaw il-psikjatri jekk kien hemm mumenti ta' vjolenza dawn setghu gew instigati mill-problemi tal-*bipolar disorder* li tbati minnha l-konvenuta.

Aktar minn hekk, l-istess *bipolar disorder* waslet sabiex il-konvenuta saret "gambler" u dan il-vizzju sar bla kontroll. Lil Dr. George Debono kienet ammettiet mieghu li kellha problema bil-vizzju tal-loghob u ammettiet ukoll li kienet issib zvog u rilassament fih. Dr. Anton Grech bhala specjalista, spjega kif minhabba l-istat mentali taghha, ma tkunx tista' tikkontrolla lilha nnifsha u tilghab bla razan.

Huwa f'dan l-ambitu li z-zwieg sfaxxa, ghaliex il-konvenuta spiccat berbqet il-flus li kienu jaqilghu minn negozju li kienu jiggestixxu, kontinwament issarraf il-flus u tuza' l-Mastercard biex tilghabhom, tant li l-istess negozju sfaxxa fix-xejn per konsegwenza tal-ammonti kbar li kienet tilghab. Kienet addiritura tissellef il-flus minghand hbiebha, kif ikkonfermat il-habiba taghha Josephine Azzopardi. Kienet spiccat f'cirku vizzjuz li rrovina kulma kellha, il-familja l-ewwel u qabel kollox u dak kollu li hadmu u stinkaw ghalihom.

Dawn l-azzjonijiet u atteggjamenti ripetuti tal-konvenuta, anke jekk mhux totalment fil-kontroll taghha, huma sevizzi li bilfors irendu l-hajja tan-nies ta' madwarha, partikolarment ta' zewgha, hajja insopportabbli.

Dina l-Qorti ma tistax ma tissottolinejax li dawn ic-cirkostanzi johoqlu fiha sena ta' empatija lejn il-konvenuta, li minn mara mizzewwga, omm, u mara

b' kapacitajiet li bniet negozju, bil-bluhat taghha, bil-konsegwenza tal-mard mentali taghha waslet biex iddistruggiet dak kollu li kien importanti f'hajjitha. Illum spiccat Mount Carmel, minhabba li hija *homeless* u lanqas ghandha dritt li tircievi beneficcji socjali minhabba li ghadha tidher bhala direttrici u azzjonista fid-diversi socjetajiet li kienu jappartjenu lill-kontendenti.

Ghandu jinghad ukoll, li jidher li l-koppja B kienet thobb tmur izzur il-Casinos darba fil-gimgha u dan huwa kkonfermat minn habiba tal-koppja stess, NO, izda jekk l-attur kien jaf li l-konvenuta kellha tendenza li tberbaq il-flus fil-loghob, li jakkumpanjaha fil-casinos, iktar kien qed iwaddabha fil-profondita' tal-problema. Anzi, konsiderando li dan il-vizzju kien sar inkontrollabbli, il-konvenuta f'mument gharrfet l-izbalji taghha u skond id-diversi rapprezentanti tal-casinos, dawn kollha kkonfermaw li l-konvenuta li kienet klijenta taghhom, f'hin minnhom kienet iffirmat self-barring, biex tipprojbixxi lilha nnifisha mid-dritt ta' dhul fil-casinos madwar Malta.

Ghalhekk, tenut kont tar-rizultanzi processwali fuq imsemmija ma hemm l-ebda dubbju li l-konvenuta hija responsabbli ghat-tifrik fiz-zwieg u dan minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' sevizzi.

In kwantu jirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenuta, ma gew prodotti l-ebda provi da parti taghha u ghaldaqstant se jkollha tirrespingihom.

**<u>DEKADENZA</u>**

L-attur talab li jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 kontra l-konvenuta. Tenut kont li rrizulta li l-konvenuta hija responsabbli biss ta' sevizzi u tenut ukoll tal-fatt li l-agir taghha mhux necessarjament kien volontarju, izda hafna drabi kkundizzjonat minn stat mentali ta' bipolar, dina l-Qorti thoss li m'ghandhomx japplikaw dawn id-disposizzjonijiet kontra l-konvenuta.

**MANTENIMENT**

Il-konvenuta llum tinstab *homeless* u tghix Mount Carmel skond l-ahhar xhieda li nghatat, peress li l-konvenuta stess ma pproduciet l-ebda xhieda sabiex tirribatti dawn il-provi. Ghal xi zmien kienet iggib l-istudenti u kien ghad kellha l-licenzja, izda n-nuqqas ta' post ta' abitazzjoni jrendi dan ix-xoghol impossibbli.

Lanqas m' hu car x'sar mis-socjetajiet PWA Co.Ltd u LJA Co. Ltd. li jappartjenu lill-partijiet, peress li l-attur jikkonferma li kienu qassmu l-komunjoni tal-akkwisti u jirrizulta li kemm hu, kif ukoll il-konvenuta kienu baqghu diretturi u azzjonisti tal-istess socjetajiet. Aktar minn hekk il-Qorti ma tafx, li taf fic-cert huwa li l-konvenuta ma tikkwalifikax biex tiehu beneficcji socjali, peress li ghadha qed tidher bhala direttrici u azzjonijiet tas-socjetajiet, gialadarba l-istess socjetajiet ma kinux gew likwidati, minkejja li ma kinux attivi. Anke l-hbieb tal-konvenuta jikkonfermaw li kienet nieqsa mill-flus.

Zbaljat kemm zbaljat il-konvenuta, hija proxxmu tad-demm u l-laham bid-drittijiet taghha u ghalhekk sakemm il-konvenuta jirnexxielha tieqaf fuq saqajha, l-attur ghandu ghandu jghaddilha s-somma ta' €200 fix-xahar u dan ghal sena, biex b'hekk il-konvenuta jkollha zmien issib mezz ghall-ghixjien taghha. L-attur jaqla' l-pensjoni u diversi beneficcji ohra u ghalhekk ghandu mezzi biex ighin lill-konvenuta. Dina l-Qorti ukoll tirrakkomanda li jekk is-socjetatjiet PWA Co.Ltd u LJA Co ltd. u kienu ghadhom ma gewx likwidati dan ghandu jsir fiz-zmien tlett xhur millum u dan sabiex, jekk ikun il-kaz, il-konvenuta tkun intitolata ghall-beneficcji socjali.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi:-

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici u tawtorizza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B, minhabba sevizzi mputabbli lill-konvenuta u ghalhekk tichad l-ewwel kontro-talba tal-konvenuta;

2.Tichad it-tieni talba tal-attur.

3. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba u t-tielet u r-raba' kontro-talba tal-konvenuta stante li l-attur ikkonferma li kienu ftehmu u qasmu l-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti u dan mhux ikkontestat mill-konvenuta.

4. Tichad il-hames talba stante li ma gewx prodotti provi.

5. Tilqa' t-tieni kontro-talba tal-konvenuta u tordna li l-attur ihallas is-somma ta' €200 fix-xahar ghal perjodu tas-sena u dan kif spjegat aktar 'l fuq.

Spejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Imhallef Onor. Anthony G Vella** **Cettina Gauci**

**Dep Reg**